# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

## SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 73

**26 ta' Lulju, 2018**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Frank Roe - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

### 73.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

**73.1.1** Kulħadd kien preżenti għal laqgħa u għaldaqstant ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti (Laqgha 71)

**73.2.1** Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.

### 73.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti (Laqgħa b'urġenza 72);

**73.3.1** Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.

### 73.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;

**73.4.1** Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti, dokumenti li kienu iċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier F Roe ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier E Muscat issekonda.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

### 73.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**73.5.1** Is-Sindku Max Zammit qal li jixtieq jirringrazja lil Kunsillier L Cachia Castelletti u lis-Segretarju Ezekuttiv tax-xoghol li sar ghal attivita Connecting through Culture. Huwa qali li avolja kien hemm xi divergenzi xorta wahda jemmen li sar xoghol tajjeb u jemmen li kien hemm qabza ta kwalita mis-sena l-ohra.

**73.5.2** Is-Sindku Max Zammit qal li il-*Building Regulations Office* (BRO) qieghdin jinfurzaw biex fejn ikun hemm stekkat u tnehhiet il-bankina, terga issir

bankina temporanja. Huwa qal li din is-sitwazzjoni ha tkun qieghda tohloq inkonvenjent f'certi postijiet minhabba li certu toroq huma dojoq u ha jigi affetwat l-immanigjar tat-traffiku negattivament.

**73.5.3** Il-Kunsill qabel li fi Triq il-Watar ma ssirx bankina temporanja.
Il-Kunsill qabel li fi Triq Testaferrata ghandha issir bankina temporanja u jsir double yellow line maghha biex ma jipparkjawx karozzi.
Il-Kunsill qabel li fit Triq Enrico Mizzi m' ghandiex issir bankina temporanja.
Il-Kunsill qabel li fi Triq Guzeppi Cali m' ghandhiex issir bankina temporanja.

**73.5.4** Is-Sindku Max Zammit qal li il-kunsill pogga zewg *mobile toilets* fi Triq ix-Xatt in-naha tal-Belvedere. Dan minhabba li f'din iz-zona ferm iffrekwentata ma hemmx lettrina pubblika.

## 73.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**73.6.1** Ma kienx hemm mistoqsijiet mil-Kunsilliera.

## 73.7 *Post mortem Connecting through Culture* u Jum Ta' Xbiex;

**73.7.1** Is-Sindku Max Zammit qal li l-attivitajiet Connecting through Culture u Jum Ta' Xbiex kienu success kbir fejn l-attendenzi kienu tajbin. Huwa qal ukoll li l-kunsill ghandu jkompli jahdem biex jibni fuq it-tajjeb li kien hemm biex dawn l-attivitajiet ikomplu jkunu ta success.

**73.7.2** Il-kunsillier L Cachia Castelletti qalet li tixtieq li tinghata tifkira liz-zewg pajjizi li impenjaw ruhhom biex tellghu l-ahajr performance li kienu l-Italja u l-Olanda.

**73.7.3** Is-Sindku Max Zammit qal li jixtieq li l-kunsill jiddiskuti il-format ta Jum Ta' Xbiex u Gieh ta Xbiex f'laqghat li gejjin biex dawn ikuni jistghu jigu imtejjba.

**73.7.4** Il-Kunsillier L Cachia Castelletti harget mil-laqgha fis-6.55 pm peress li kienet avzat li ma setghtex iddum iktar mis-6.30 pm.

## 73.8 Kollaborazzjoni mal-*Caritas*;

**73.8.1** Il-Kunsill qabel li ghandu jiddiskuti din il-materja fil-laqgha li jmiss.

## 73.9 *Computer Laboratory*;

73.9.1 Is-Sindku Max Zammit qal li huwa qieghed jipproponi li l-Kunsill Ta' Xbiex jikri il-Computer Lab biex ikun jista jkollu sors ta dhul iehor. Huwa qal li din tkun ghajnuna importanti ghal kunsill.

73.9.2 Il-Kunsillier E Muscat qal li din it-tema fl-agenda mhux cara u ghaldaqstant ma jridx li tigi diskussa. Huwa halla il-laqgha tal-kunsill bi protesta fis-7.27 pm.

## 73.10 *Is-sitwazzjoni tas-soft areas;*

**73.10.1** Il-Kunsill qabel li din il-materja tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

## 73.11 Iż-żona Testaferrata ġewwa Ta' Xbiex;

**73.11.1** Is-Sindku Max Zammit qal li qieghed jistaqsi lil kunsill biex jikkunsidra revizjoni ta l-immanigjar tat-traffiku fiz-zona Testaferrata minhabba is-siti ta kostruzzjoni li hemm.

**73.11.2** Il-Kunsill qabel li ghandu jsir revizjoni tal-imminigjar tat-traffiku billi tinfetah parti minn zona fil-vicin.

## 73.12 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

**73.12.1** Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ghal darb' ohra fil-Management Letter hemm imnizzel li il-kunsill Ta' Xbiex ghandu sitt laptops li mhux qieghdin fil-binja tal-kunsill. Huwa qal li dawn il-laptops huma bla valur minhabba li huma antiku u ma jahdmux u ghaldaqstant dawn ghandhom jigu *written off.*

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**73.12.2**

**73.12.3** Is-Sindku Max Zammit qal li fid dawl tat twegibiet ghal mistoqsijiet mil-kunsillieri b rejazzjoni ghal komunikazzjoni tas sindku u ghal fatt li l-hin allokat ghal laqgha skada, is-Sindku sejjah laqgha ohra ghal nhar it – tnejn 06 ta Awissu 2018. Sabiex din id-diskussjoni u l-punti l-ohra ta l agenda jitkoplu jigu diskussi fil-laqgha li jmiss. Is-Sindku qal ukoll li ha kellem lil staff ikkoncernati fil-proposta tieghu sabiex jara l-intenzjoni taghhom.

## 73.13 Rapporti mill-Kunsilliera;

**73.13.1** Ma kienx hemm rapporti mill-kunsilliera.

## 73.14 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir it-Tnejn 6 ta' Awwissu, 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

**73.14.1** Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta' filgħaxija.

**Konfermati, illum it-Tnejn 6 ta' Awwissu 2018.**

**___IFFIRMATA___________**

**Max Zammit**
**Sindku**

**_IFFIRMATA_______**

**Clayton Xuereb**
**Segretarju Eżekuttiv**